MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Numru. 59/2008

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Mario Mifsud iben Alfred u Imperia nee' Micallef, imwieled Pieta', Malta fit-28 ta' Dicembru, 1964 u residenti Block7,
Flat 8, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, Malta
u detentur tal-karta tal-identita' numru 34665(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Mario Mifsud li gie akkuzat talli gewwa Kemmuna, u/jew fi bnadi ohra

f’dawn il-Gzejjer, nhar l-14 ta’ Awissu 2008, ghal habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar (15:00);

1) Ingurja jew hedded, il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ fuq membru tal-Korp tal-Pulzija PC332 Simon Anthony Grech, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;
2) U aktar talli fl-istess, cirkustanzi, lok, hin, data u xhur ta’ qabel, kellu fil-pussess tieghu harpun uzat ghas-sajd taht il-bahar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizja;
3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-28 ta’ Awwissu 2008 mahrug ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat jinsab akkuzat b’mod ewlieni bir-reat tal-ingurji u theddid kontra ufficjal pubbliku kif ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjijiet ta’ Malta;

Illi dana l-kaz kellu l-bidu tieghu minhabba illi d-dinghy tal-Pulizija tal-Ghassa ta’ Kemuna gie mcarrat b’xi arma bil-ponta u li taqta’. Illi l-ufficjal tal-Pulizija stazzjonat gewwa l-Ghassa ta’ Kemuna PC 332 Simon Anthony Grech ghamel rapport gewwa l-Ghassa tar-Rabat, Ghawdex illi kellu suspett fuq l-imputat peress illi huwa kien rah prezenti fl-akkwati ftit tal-hin qabel kif ukoll minhabba l-fatt illi kien hemm persuna ohra li huwa jindika bl-isem Mark illi nfurmah illi kien ra persuna vicin id-dinghy bil-maskla. Il-Kuntistabbli Simon Anthony Grech ghalhekk hares bit-tromba tieghu u ra lill-imputat tiela’ fuq id-dghajsa tieghu u nnota li kellu xi haga zghira f’idejh li kienet tidher sikkina;

Abbazi ta' dina l-informazzjoni inhareg mandat tal-arrest u tfittxija fil-konfront tal-imputat. Sabiex jezegwixxu dawn il-mandati marru fuq id-dghajsa tal-imputat erba' (4) ufficjali tal-Pulizija u cioe' PS 1181 Eugenio Caruana, PC 1093 James Cardona, PS 559 Jason Spiteri u WPC 133 Anthea Sammut;

Illi dawn ix-xhieda u kif ukoll ix-xhieda okulari kollha, jikkonferma illi l-imputat ipprotesta mhux ftit ghal dana l-fatt u cioe' ghall-fatt illi saret tfittxija fuq id-dghjsa tieghu u ghall-fatt illi kien ser jigi arrestat mill-Pulizija u mill-ewwel beda jwahhal fil-Kuntistabbli Simon Anthony Grech. Kien irrabjat ghalih u ghalhekk huwa qal kliem ta' theddid u kliem iehor ingurjuz fil-konfront tieghu. Illi x-xhieda kollha jaqblu bejniethom illi l-imputat ghajjar lill-Kuntistabbli bil-kelmja *'pufta'* u li qallu l-kliem *'inpattihielek'* u qata' ghonqu b'idejh fid-direzzjoni tal-Ghassa ta' Kemuna, kliem ghalhekk li kien indirizzat lill-Kuntistabbli Grech;

1) Is-surgent 1181 Eugenio Cassar jghid 'beda jaghmel mossi b'idejh jaqta' ghonqu u jghid kliem ta' theddid u kliem ta' insulti fil-konfront tal-Kuntistabbli fl-Ghassa ta' Kemuna, kliem fis-sens li beda jghajru pufta u liba. Niftakar li l-imputat qal il-kelma npattihielek, qal ukoll il-kliem din ma tieqafx hawn, to be continued! u ghamel il-mossa kif diga' xehedt, jaqta' ghonqu,' (ara fol 31);
2) Il-Kuntistabbli 1093 James Cardona jixhed ukoll illi l-imputat qal il-kliem 'din to be continued', hares lejn l-Ghassa u ghamel mossa kif indikat mis-Surgent 1181, (ara fol 34);
3) Is-Surgent 559 Jason Spiteri jixhed, 'Dar hares lejn l-Ghassa ta' Kemuna u qallu npattihielek ja pufta u beda b'idejh jaghmel hekk,' b'referenza ghall-mossa hawn fuq indikata, ara fol (36) u dana b'lehen gholi;
4) WPC 133 Anthea Sammut ukoll tghid, 'beda jghajjat ghall-Pulizija Simon li jrid ipattiha u li hu mqabbad mieghu. Beda jghajru, qallu pufta minn god-dghajsa u jippunta lejn l-Ghassa ta' Kemuna. Beda jghid dak ma jahmilnix, dak il-pufta Simon ma jahmilnix! u li jrid ipattiha,' (ara fol 40 u 41);

5) Mario Micallef li kien xhieda okolari jghid illi sema' lill-imputat jghid id-diskors 'inpattihielek' u ra lill-imputat jaqta' ghonqu b'idejh, (ara fol 54);
6) John Xuereb ukoll xhieda okulari, jistqarr illi sema' hafna ghajjat u sema' lill-imputat jghid il-kelma 'inpattihielek' filwaqt li kien qed ihares fid-direzzjobni tal-Ghassa;

Illi kemm fl-istqarrija rilaxxata minnu kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, l-imputat ma jichadx illi huwa qal il-kliem 'inpattihielek' lill-Kuntistabbli Grech, kif ukoll illi ghajru bil-kelma 'pufta', izda jipprova jaghti spjegazzjoni l-ghala ghamel dan. Jallega illi l-Kuntistabbli ilu mqabbad mieghu u ghalhekk ried jirrapurtah quddiem il-Bord tad-Dixxiplina kif fil-fatt ghamel u kien f'dana s-sens biss illi huwa heddu. Inoltre ghar-rigward tal-kelma 'pufta' jghid illi din hija kelma Maltija li tintuza biex tfisser il-kelma 'gakbin' jew ghall-bniedem li jqarraq bik. Ghar-rigward tal-allegata mossa, huwa jsostni illi huwa radd is-salib fuq mohhu u mhux qata' ghonqu b'idejh u jghid li ma ghamilha bl-ebda skop hlief sabiex iwissi lill-Kuntistabbli biex jiddesisti mill-attitudni negattiva fil-konfront tieghu;

Illi bir-rispett kollu lejn l-imputat, dawn huma kollha spjegazzjonijiet patetici li ma jikkonvincu xejn lil din il-Qorti, izda jirriaffermaw dak illi jsostnu x-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' illi l-imputat hedded lill-Kuntistabbli bil-kliem u bil-mossa li segwiet u ngurjah bil-kliem 'pufta' li ma hi xejn ghajr kelma li wiehed jghid meta jrid jinsulta, taghtiha liema tifsira trid taghtiha;

Illi l-istess ma jistax jinghad ghat-tieni (2) akkuza. Jirrizulta mill-atti processwali illi l-harpoon li kellu fil-pussess tieghu l-imputat kien wiehed imsaddad u minghajr rampila, harpoon ghalhekk li ma jista' qatt jigi uzat ghas-sajd. Fil-fatt anki r-ricevuta esebita mis-Surgent 559 a fol 39 (Dok JS) tindika illi l-harpoon kien imsaddad. L-imputat stess jghid illi huwa kien qieghed jipprova jnehhilu s-sadid u jsewwieh x'aktarx biex juzah izda qata' qalbu u kien ser jarmieh. Il-Qorti ghalhekk ma tistax tikkonkludi illi l-harpoon li kellu fil-pussess tieghu l-imputat kien qed jintuza ghas-sajd taht il-bahar kif tiddetta l-Ligi;

Illi fl-ahhar nett dwar l-akkuza kontravenzjonali ai termini tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 ma hemmx dubju illi l-imputat beda jghajjat u jaghmel hafna storbju. Dana kollu huwa kkonfermat mix-xhieda ndikati iktar 'il fuq tant illi x-xhud PS 1181 Eugenio Caruana meta mistoqsi in kontro ezami jghid, 'nghid illi dak il-hin storbju ma kienx hemm hlief ahna ghaliex ghamilna tejatrin shih!' Ghalhekk dina l-akkuza ukoll giet ippruvata mill-Prosekuzzjoni;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 95 u 338 (dd) tal-Kapitolu 9, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2) akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250);

Finalment b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed torbot lill-hati b'garanzija li ma jimmolestax lil PC 332 Simon Anthony Grech u dana taht penali ta' hames mitt ewro (€500) ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------